**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 9 ta' Marzu 2020**

**Talba Nru: 42/20 CZ**

**Stereovision Sales & Service Ltd.**

**vs.**

**Jonathan Tully (ID 0019910 L)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fl-4 ta' Frar 2020 fejn premettiet:

Is-socjeta' attrici qed titlob lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' seba' mija u disgha u tletin Euro u sitta u tmenin centezmu (€739.86) rapprezentanti prezz ta' bejgh u installazzjoni ta' 'security systems' liema somma baqghet ma thallsitx.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficcjali maghmula taht l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-mandat ta' sekwestru gia' pprezentat u bl-imghax skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

It-Tribunal;

Ra illi l-konvenut nomine gie debitament notifikat u ma pprezenta l-ebda risposta.

Ra illi fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2020 xehed William Gauci, direttur tas-socjeta' attrici, li ddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici ghadu kollu dovut.

Ra illi s-socjeta' attrici talbet lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza.

Ra li l-kawza giet posposta ghal-lum ghas-sentenza.

Ra l-atti kollha.

It-Tribunal;

Rega' ra x-xiehda ta' **William Gauci**.

Ra illi s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas ta' seba' mija u disgha u tletin Euro u sitta u tmenin centezmu (€739.86) rapprezentanti prezz ta' bejgh u installazzjoni ta' 'security systems' liema somma baqghet ma thallsitx.

Ra illi r-rapprezentant tas-socjeta' attrici xehed illi sadakinhar tas-seduta tad-9 ta' Marzu 2020, il-konvenut ma kien hallas xejn.

Ra wkoll illi l-konvenut gie debitament notifikat bil-kawza izda ma wegibx.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa t-talbiet tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u disgha u tletin Euro u sitta u tmenin centezmu (€739.86), bl-imghax kif mitlub sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez, kif mitluba ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur